



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Ottubru 2013
(OR. en)**

14594/13

**AGRILEG 138
VETER 102
DENLEG 119
PHYTOSAN 48**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 681 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI Dwar l-operat kumplessiv tal-kontrolli uffiċjali fl-Istati Membri tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u l- benesseri tal-annimali, u s-saħħa tal-pjanti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 681 final.

Mehmuż: COM(2013) 681 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2013
COM(2013) 681 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

**Dwar l-operat kumplessiv tal-kontrolli uffiċjali fl-Istati Membri tas-sikurezza tal-ikel,
is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali, u s-saħħa tal-pjanti**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Reviżjoni tar-rapporti annwali tal-Istati Membri	3
3.	L-attivitajiet ta' kontroll mill-Kummissjoni fl-Istati Membri.....	8
4.	Għejun oħrajn ta' informazzjoni dwar il-kontrolli fl-Istati Membri	16
5.	Ir-riżultati tal-monitoraġġ ufcjali	17
6.	Segwitu u infurzar mill-Kummissjoni	18
7.	Il-Kummerċ internazzjonali	19
8.	Konklużjonijiet.....	19

1. Introduzzjoni

L-Artikolu 44 (4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004¹ jirrikjedi li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-operazzjoni ġenerali tal-kontrolli fl-Istati Membri fid-dawl:

- (a) tar-rapporti annwali ppreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom;
- (b) tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fl-Istati Membri;
- (c) ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

Dan huwa t-tielet rapport ta' dan it-tip imressaq mill-Kummissjoni. Is-sorsi ewlenin tiegħu huma: (a) ir-rapporti annwali mill-Istati Membri għall-2010; (b) ir-riżultati tal-attivitajiet ta' kontroll mill-Kummissjoni stess; u (c) informazzjoni oħra rilevanti dwar il-kontrolli, inkluż:

- rapporti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar kontrolli f'setturi speċifiċi;
- ir-riżultati ta' sistemi ta' twissija rapida tal-UE;
- azzjonijiet ta' infurzar tal-Kummissjoni (inklużi l-każijiet ta' ksur) relatati ma' nuqqasijiet ta' konformità osservati fl-Istati Membri;
- rapporti minn entitajiet li jiffissaw l-istandards internazzjonali.

B'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati ta' kontrolli mill-Kummissjoni stess u ta' informazzjoni rilevanti oħra, ir-rapport isemmi informazzjoni dwar il-kontroll minn meta din issir disponibbli, biex b'hekk isir sforz ħalli t-twassil tal-kontrolli uffiċjali fl-Unjoni ikun aġġornat kemm jista' jkun.

2. Reviżjoni tar-rapporti annwali tal-Istati Membri.

Il-priċipji bażiċi tal-UE dwar l-ġhalf u l-ikel huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 178/2002². Skont dan ir-Regolament, huma n-negozji tal-ikel/l-ġhalf tul il-katina alimentari kollha li għandhom ir-responsabbiltà primarja biex jiżguraw li l-ikel/l-ġhalf ikun ħieles mill-periklu, mill-bidu tal-produzzjoni sal-punt finali meta jinbiegħ lill-konsumatur. Ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 fih rekwiżiti għall-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi³. Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 fih rekwiżiti għal skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel⁴.

¹ tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi dwar l-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali u r-regoli tal-benesseri tal-annimali – *ĠU L 191, 30.04.2004*

² Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 -*ĠU L 189, 20.7.2007*

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel -*ĠU L 343, 14.12.2012*

L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jivverifikaw li l-operaturi tan-negozji jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf (inklużi s-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti), dwar prodotti organiċi u dwar skemi ta' kwalità. Għal dan il-għan huwa meħtieġ li joperaw sistemi ta' kontrolli uffiċjali.

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula l-mod ta' kif dawn il-kontrolli għandhom ikunu organizzati u mħaddma. Sostanzjalment, jistipula r-regoli ġenerali għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali biex ikun ivverifikat li jkun hemm konformità mar-regoli tal-UE dwar l-ikel u l-ġhalf. B'mod partikolari, dan jirrikjedi li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità mill-operaturi mar-rekwiżiti legali speċifiċi, u li l-prodotti fis-suq tal-UE (kemm dawk prodotti fl-UE kif ukoll l-importazzjonijiet) ikunu konformi ma' dawn ir-rekwiżiti.

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula wkoll regoli dwar il-kontrolli li jagħmlu s-servizzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, biex jiġi vverifikat li jkun konformi mal-obbligi stipulati fil-leġislazzjoni dwar l-ikel u l-ġhalf. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw il-pjanijiet multiannwali nazzjonali ta' kontroll (MANCP) li jagħtu effett lir-rekwiżiti tar-Regolament, u jintalbu jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

L-ewwel rapport annwali tal-Kummissjoni (COM (2010) 441) indika li hemm varjabbiltà kbira bejn ir-rapporti tal-Istati Membri kemm fl-istruttura kif ukoll fil-kontenut u dan jagħmel il-paragun diffiċli. Ir-rapport tas-sena l-oħra (COM (2012) 122) indika li l-paragun tad-dejta tjeib bis-saħħa tad-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u mill-esperjenza miksuba minn dawn tal-aħħar.

Biex jitħaffef il-paragun tar-rapport annwali tal-Istati Membri, ġie żviluppat mudell għal "sommarju eżekuttiv" flimkien mal-Istati Membri, ibbażat fuq il-linji gwida eżistenti għar-rapport annwali (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/654/KE). Dawn is-sommarji bħalissa qed jintużaw mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Qed jiġi pprovdut rispons globali lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa. Dan qed jiġi supplimentat b'rispons individwali bil-miktub.

Fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, ingħatat kunsiderazzjoni lid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44 għar-rapporti tal-Istati Membri u r-rapporti annwali tal-Kummissjoni. Il-proposta leġislattiva tinkludi dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni tadotta formoli uniformi għal informazzjoni u dejta li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam: mal-emendi għal pjanijiet ta' kontroll tagħhom; mar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fis-sena ta' qabel; mat-tip u l-ġhadd ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati permezz tal-kontrolli; mal-miżuri meħudin biex jiżguraw l-operat effettiv tal-pjanijiet nazzjonali pluriennali ta' kontroll, inklużi l-azzjoni ta' infurzar u r-riżultati ta' tali miżuri.

Il-punti prinċipali tal-analiżi tal-Kummissjoni tar-rapporti annwali tal-2010 mill-Istati Membri huma deskritti hawn taħt sa fejn ir-rapporti ppermettew sinteżi tal-informazzjoni pprovduta.

L-effettività tal-kontrolli ġenerali

Ir-rapporti annwali juru li l-parti l-kbira tal-Istati Membri għandhom fis-seħħ indikaturi strateġiċi, operattivi jew tal-konformità biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni, għalkemm hemm varjazzjoni konsiderevoli fis-setturi koperti, u l-ambitu tad-dikjarazzjoni dwar l-effettività ġenerali. Ħafna drabi tiġi pprovduta dejta fir-rigward tal-proċess ta' spezzjoni, bħan-numru ta' spezzjonijiet ippjanati imwettqa, aktar milli fir-rigward tar-risultati tal-kontrolli uffiċjali.

F'xi pajjiżi b'aktar minn awtorità kompetenti ċentrali waħda, il-koerenza tar-rapporti tagħhom tista' tittejjeb billi jiġu analizzati l-inputs minn servizzi differenti fil-kuntest tal-oġettivi strateġiċi u operattivi tal-pjan ta' kontroll multianwali nazzjonali.

Ix-xejriet tal-kontrolli

Hemm xejra kontinwa lejn aktar sistemi ta' kontroll ibbażati fuq ir-riskju. Xi Stati Membri enfasizzaw livell aħjar tal-effikaċja kumplessiva marbuta ma' aktar kontrolli bbażati fuq ir-riskju, u estensjoni ta' kontrolli bbażati fuq ir-riskju f'setturi ġodda. Madankollu, rapporti oħra jissuġġerixxu li l-Istati Membri ma jużawx mudell tal-valutazzjoni tar-riskju f'kull settur, kif ikkonfermat minn awditi tal-Kummissjoni, u għet ipprovduta informazzjoni limitata dwar it-tendenzi fil-kontrolli, il-prijoritajiet u r-risultati.

Wiehded mir-risultati ta' aktar kontrolli bbażati fuq ir-riskju kien li l-livelli ta' nuqqas ta' konformità ma jistgħux jitqabblu direttament minn sena għal oħra. Pereżempju, l-analiżi ta' xejriet Ċeki indikaw li bejn l-2009 u l-2010, fil-każ tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, kien hemm żieda fil-proporzjon bejn in-numru ta' nuqqasijiet ta' konformità identifikati u n-numru totali ta' kontrolli. Dan jista' jkun indikazzjoni ta' rata ogħla ta' nuqqas ta' konformità u b'hekk ta' ħolqien ta' problemi. Madankollu, din iż-żieda hija minflok attribwita għall-fatt li l-kontrolli reċentement saru aktar bbażati fuq ir-riskju, u b'hekk ikkontribwixxew lejn l-effettività kumplessiva tagħhom. Ir-rapport Daniż identifika korrelazzjoni simili fil-każ tal-kontrolli dwar il-benesseri tal-annimali. Ir-rapport annwali Ġermaniż jenfasizza l-fatt li minħabba li l-kontrolli jkunu aktar ibbażati fuq ir-riskji, u għalhekk huma aktar intensivi fuq entitajiet bi storja preċedenti ta' nuqqas ta' konformità, mhux possibbli li mir-rapport annwali wiehded jasal għal konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni ġenerali fis-suq. Ir-riżorsi illiberati permezz ta' kontrolli aktar ibbażati fuq ir-riskju jintużaw biex jiġu spezzjonati stabbilimenti inqas kapaċi li jikkonformaw mar-regoli jew inqas lesti li jagħmlu dan. L-evidenza li dawn qegħdin jintużaw biex jimmiraw lejn stabbilimenti b'rekords ta' konformità fqira jew suspettuża hija rassikuranti kontra s-suġġerimenti li "il-kontrolli bbażati fuq ir-riskju" jistgħu jkunu mezz ta' skuża biex jitnaqqsu r-riżorsi.

Analiżi ta' nuqqas ta' konformità

L-oqsma ewlenin ta' nuqqas ta' konformità identifikati tul is-setturi jinkludu: rekwiżiti ta' igijene operattiva; HACCP; rekwiżiti ta' igijene strutturali jew imsejsa fuq it-tagħmir; l-ittikkettjar ta' ikel u għalf; l-addittivi fl-għalf; iż-żamma ta' rekords; u l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

L-identifikazzjoni ta' kawżi sottostanti ta' nuqqas ta' konformità hija ġeneralment limitata. Kif ġara s-sena li għaddiet, in-nuqqasijiet fil-HACCP/fl-igijene ta' spiss kienu attribwiti ma' tibdil frekwenti fl-istaff, ma' nuqqas ta' taħriġ tal-operaturi tan-negozji tal-

ikel (FBOs) u ma' nuqqas ta' konsegwenzi jew inkella ma' konsegwenzi minimi għal nuqqasijiet ta' konformità.

Xejriet ta' infurzar: L-azzjoni meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità

L-Istati Membri huma mitluba jindikaw fir-rapporti annwali tagħhom x'tip ta' azzjonijiet ta' infurzar ittieħdu.

Filwaqt li d-dejta dwar l-infurzar ġiet ipprovduta fir-rapporti annwali ta' ħafna mill-Istati Membri, din id-dejta ma tkoprix is-setturi kollha, u b'mod ġenerali, kien hemm nuqqas ta' analiżi tax-xejriet u l-konklużjonijiet kumplessivi.

Xi Stati Membri rreġistraw esperjenza tajba fl-użu ta' sanzjonijiet amministrattivi applikati direttament mill-awtoritajiet kompetenti.

Barra minn hekk, xi Stati Membri identifikaw il-ħtieġa ta' taħriġ tal-persunal tal-infurzar. Fir-Renju Unit, it-taħriġ enfasizza l-proċess ġudizzjarju u r-rwol tal-persunal tat-taħriġ bħala xhieda esperti, bir-riżultat ta' żieda fin-numru ta' azzjonijiet ta' infurzar formali mill-2008-2009 'l hawn. Fil-Finlandja, it-taħriġ u l-linji gwida ġodda dwar l-infurzar wasslu wkoll għal żieda fl-użu ta' azzjonijiet ta' infurzar. L-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi attribwew livell oġhla ta' attività ta' infurzar għal kontrolli bbażati aktar fuq ir-riskju li b'hekk kienu aktar probabbli li jikxfu n-nuqqasijiet ta' konformità.

Is-sistema nazzjonali ta' awditi

L-Istati Membri kollha jwettqu awditi kif meħtieġ mir-Regolament 882/2004. Dan huwa strument importanti fl-"armerija" ta' kontrolli peress li jipprovdi lill-maniġment b'informazzjoni ewlenija dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tagħhom. Madankollu, mhux dejjem tkun ipprovduta ħarsa ġenerali lejn ir-riżultat tal-awditi tagħhom, b'mod partikolari fejn din tkun imwettqa f'reġjuni devoluti, jew meta jkun hemm tagħrif dwar is-segwitu għar-rapporti tal-awditu. Barra minn hekk, xi Stati Membri rrappurtaw li l-limitazzjonijiet fir-riżorsi tal-unitajiet tal-awditu tagħhom rażżnu l-implimentazzjoni tal-awditi.

Xi awditi ffukaw fuq sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità introdotti mill-awtoritajiet kompetenti. Fl-Awstrija, dan il-proċess wassal għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri u t-tibdil kontinwu fir-responsabbiltajiet.

Il-Kummissjoni qed torganizza laqgħat regolari, li *inter alia* jipprovdu forum għal skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri dwar kif ir-rekwiżit għall-awditi jkun qed jiġi indirizzat.

Riżorsi

Għadd ta' rapporti semmew il-bidliet f'dan il-qasam, bħall-bidla organizzattiva sinifikanti fi Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja u r-Renju Unit, u l-istandardizzazzjoni tas-servizzi tal-laborotarju (fil-Bulgarija; fi Spanja, fil-każ tas-sikurezza tal-ikel; u fil-Polonja, fil-każ tal-pestiċidi). Analiżi tar-riżorsi allokatati għal-laboratorji ġiet preperata wkoll fl-Estonja u l-Portugall. Xi Stati Membri qed jallokaw mill-ġdid riżorsi ta' persunal minn kontrolli ta' rutina għal "kampanji ta' kontroll" aktar ibbażati fuq ir-riskju, u hemm għarfien ġenerali li

r-riżorsi għandhom jiġu mobilizzati b'mod aktar effiċjenti, speċjalment fil-klima ekonomika attwali meta l-ispiża pubblika tkun taħt pressjoni.

Azzjonijiet meħuda biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll

L-azzjonijiet ewlenin jinvolvu l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni, it-tħejjija u/jew it-titjib tal-linji gwida u l-proċeduri, it-taħriġ u s-seminars (marbuta, b'mod partikolari, mal-implimentazzjoni ta' proċeduri ġodda), u l-emendi tal-MANCP.

Barra minn hekk, is-sistemi tal-informazzjoni u l-proċessi tan-negozju għall-kontrolli ttejbu aktar f'xi Stati Membri, bil-ħsieb li tittejjeb is-sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti ċentrali L-evalwazzjoni u l-analiżi kritika tad-dejta dwar il-kontroll ittejbet f'xi Stati Membri, filwaqt li f'xi oħrajn, hemm pjanijiet ta' titjib tal-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti ċentrali biex tiġi vverifikata l-effettività tal-kontrolli. It-tħejjija ta' indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi għadha għaddejja f'xi Stati Membri.

Ingħataw ukoll eżempji dwar titjib li jinsab għaddej fil-koorindament bejn l-entitajiet ta' kontroll, u dwar oqfsa ta' koordinazzjoni mtejbja fi Stati Membri b'kompetenzi mtejbja. Xi Stati Membri ddeskrivew l-azzjonijiet meħuda bil-ħsieb li jiżdied il-bejgħ bl-internet fis-settur tal-ikel. F'xi Stati Membri, l-introduzzjoni ta' skemi ta' rati tal-prestazzjoni għall-operaturi tan-negozji tal-ikel għenet fil-prijoritizzazzjoni tal-kontrolli.

L-azzjonijiet meħuda biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-Operaturi tan-Negozji tal-Ikel (FBOs)

L-azzjonijiet meħuda identifikati fir-rapporti tal-Istati Membri jinvolvu linji gwida, taħriġ, kampanji ta' informazzjoni u avvenimenti oħra, u fuljetti. Azzjonijiet oħra rrapportati jinkludu: il-ħolqien ta' ċentru għall-benessri tal-annimali fid-Danimarka; u mekkaniżmi li jinċentivizzaw il-konformità mill-istabbilimenti, u li jinksbu rispons minn operaturi bil-ħsieb li jissimplifikaw l-operazzjoni tal-kontrolli.

Konklużjonijiet

Ir-Rapporti Anwwali tal-Istati Membri juru li l-Istati Membri qegħdin ifittxu b'mod attiv li jtejbu l-effiċjenza tas-sistemi eżistenti. Għad hem xejra fost l-Istati Membri lejn aktar kontrolli bbażati fuq ir-riskju. L-Istati Membri qegħdin jintroduċu wkoll strumenti li jtejbu s-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti ċentrali, u l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-kontroll.

Hemm għadd ta' oqsma għal titjib attwali. Inkonnessjoni mal-konsistenza u l-paragunabbiltà tad-dejta dwar il-kontroll fl-Istati Membri, il-konnessjonijiet imtejbja bejn il-preżentazzjonijiet tad-dejta jistgħu juru aħjar il-punt safejn il-kontrolli iwasslu għall-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' konformità, u, wara dan, għal infurzar effettiv. Aktar enfasi fir-rapporti fuq l-awtoevalwazzjoni, bħar-riżultati tas-sejbiet tal-awditi nazzjonali, u l-impatt tal-proċess tal-analiżi tar-Rapport Annwali dwar l-ippjanar futur, itejbu l-proċess ta' titjib kontinwu.

3. L-attivitajiet ta' kontroll mill-Kummissjoni fl-Istati Membri

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq kontrolli fl-Istati Membri li jivverifikaw li, b'mod kumplessiv, il-kontrolli uffiċjali jitwettqu skont il-pjanijiet ta' kontroll nazzjonali multiannwali rispettivi u skont il-liġi tal-UE.

Biex tissodisfa l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni timpenja ruħha bi programm annwali ta' awditi u spezzjonijiet biex tivverifika l-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, il-leġislazzjoni dwar il-benessri u s-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti, u tivverifika li l-kontrolli uffiċjali f'dawn l-oqsma ssejh b'mod konformi mal-liġi tal-UE. Dan il-programm hu ppubblikat fil-websajt tal-Kummissjoni.

Is-sejbiet ta' kull awditu jinħarġu frapport indirizzat lill-awtorità nazzjonali rilevanti, flimkien mal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati. Permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-awditu u tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll il-profil tal-pajjiżi li jiġu aġġornati b'mod regolari, il-Kummissjoni ttipprovdi lill-partijiet interessati u liċ-ċittadini kont fattwali ta' kif l-awtoritajiet ta' kontroll f'kull Stat Membru jaqdu d-dover tagħhom li jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-liġi tal-UE.

Fis-snin riċenti, il-Kummissjoni wettqet madwar 250 awditu fis-sena, li koprew il-katina tal-ikel kollha kif ukoll is-saħħa u l-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti, u li fosthom madwar 70% kienu relatati mas-sikurezza tal-ikel. Madwar 60% tal-awditi kollha tipikament jitwettqu fl-Istati Membri bil-kumplement f'pajjiżi terzi. Fil-Kroazja twettqu awditi preadeżjonali, peress li dan il-pajjiż kien mistenni jissieħeb fl-UE fl-1 ta' Lulju 2013.

Barra minn hekk, dan l-aħħar ġew prodotti rapporti ġenerali⁵ għal għadd ta' setturi. Dawn ir-rapporti jipprovdu opportunità li wieħed jikseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri, abbażi tal-eżitu tal-awditi individwali mwettqa. Dawn jidentifikaw in-nuqqasijiet prinċipali li aktarx ikunu rilevanti għall-Istati Membri kollha, inklużi dawk li ma jkunux suġġetti għal awditu individwali. Jipprovdu wkoll input prezzjuż lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-analiżi tal-leġislazzjoni.

Ir-rapporti tal-awditi tal-Kummissjoni, kif ukoll ir-rispons tal-awtoritajiet kompetenti għar-rapporti ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u l-profil tal-pajjiżi, jinsabu fi: http://ec.europa.eu/food/fvo/index_en.cfm

It-taqsima li jmiss turi firxa ta' kwistjonijiet ta' interess partikolari koperti mill-programm fl-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti. Din ttipprovdi wkoll sommarju qasir dwar is-sejbiet ewlenin u l-konklużjonijiet li jfeġġu minn sensiliet differenti ta' awditi.

Is-sikurezza tal-ikel

⁵ http://ec.europa.eu/food/fvo/specialreports/index_en.htm

Kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-ħalib u l-laħam

Il-Kummissjoni wettqet sensiela ta' awditi dwar il-kontrolli igjienici marbuta mal-produzzjoni tal-ħalib u l-laħam aħmar fl-Istati Membri kollha bejn l-2008 u l-2011. Dawn ikkonfermaw li l-Istati Membri introduċew sistemi ta' kontroll li huma fil-biċċa l-kbira tagħhom konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u li jwettqu kontrolli robusti b'konnessjoni mal-laħam aħmar u l-ħalib u l-prodotti tagħhom. Madankollu, xejra li diġà kienet ġiet osservata qabel ġiet ikkonfermata inkonnessjoni mal-infurzar: filwaqt li l-awtoritajiet ta' kontroll fil-biċċa l-kbira jidentifikaw in-nuqqasijiet b'mod korrett, mhux dejjem tittieħed azzjoni ta' infurzar sostnuta b'waqtha, u minħabba f'hekk in-nuqqas ta' konformità jaf jibqa' għaddej.

It-traċċabbiltà taċ-ċanga u l-prodotti taċ-ċanga

Sensiela ta' awditi fuq it-traċċabbiltà taċ-ċanga u l-prodotti taċ-ċanga tlestiet fl-2011, u r-rapport ġenerali jinsab disponibbli. L-aħħar analiżi tindika li l-kontrolli tat-traċċabbiltà taċ-ċanga u l-prodotti taċ-ċanga u t-tikkettjar obbligatorju ttejbju b'mod sinifikanti fl-Istati Membri li fihom saru ż-żjarat. B'relazzjoni mat-traċċabbiltà ta' annimali ħajjin, dehru nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali u fit-tweitiq tal-kontrolli uffiċjali f'postijiet fejn l-annimali jinġabru, bħall-bini tad-dilers, is-swieq u ċ-ċentri tal-assemblaġġ. Xi nuqqasijiet intlemħu wkoll inkonnessjoni mal-ġestjoni tal-bażijiet tad-dejta użati għar-reġistrazzjoni tal-annimali.

Kaċċa - fis-selvaġġ jew imrobbija

Sensiela ta' missjonijiet għas-sejbien tal-fatti f'erba' Stati Membri twettqet biex tinġabar informazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali inkonnessjoni mal-produzzjoni ta' laħam mill-kaċċa fis-selvaġġ jew imrobbija. Ir-rapport ġenerali jinsab disponibbli, u jipprovdi dettalji tal-eżitu ta' dawn il-missjonijiet.

Għadd ta' kwistjonijiet ta' interess feġġew minn din is-sensiela ta' missjonijiet u bħalissa għaddejja diskussjoni dwar dispożizzjonijiet leġislattivi f'dan ir-rigward inkonnessjoni: mal-ittestjar mhux komplet għat-*Trichinella spiralis* fi kwantitajiet żgħar ta' speċi ta' kaċċa suxxettibbli mwassla direttament lill-konsumatur; mal-interpretazzjoni liberali ta' xi tfisser "kwantitajiet żgħar" li jistgħu jiġu esklużi minn kontrolli uffiċjali tal-iġjene; mal-użu regolari ta' ċentri tal-ġbir tal-kaċċa mis-selvaġġ, li mhux dejjem ikunu rreġistrati u li għalhekk ma jiġux soġġetti għall-kontrolli uffiċjali; mad-demarkazzjoni mhix ċara bejn kaċċa mis-selvaġġ u mill-imrobbi b'riskji li l-konsumatur jiġi mfixxkel fl-informazzjoni dwar l-orijini vera tal-laħam mill-kaċċa; u mal-kummerċ intra-Unjoni tal-igħsma ta' annimali kkaċċjati mis-selvaġġ b'ġildhom fuqhom, kontra l-liġi tal-UE.

Kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti tas-sajd u l-molluski bivalvi ħajjin

Twettqu awditi f'disa' Stati Membri biex jevalwaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-UE dwar il-ħut u l-molluski bivalvi ħajjin.

Fil-każ tal-prodotti tas-sajd, instab li kumplessivament, kien hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll uffiċjali komprensivi fil-pajjiżi kollha suġġetti għal żjarat. F'xi pajjiżi nstabu varjazzjonijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali bejn reġjuni differenti.

B'mod ġenerali, il-laboratorji li jwettqu l-analiżi uffiċjali lkoll kienu mgħammra u kapaċi jwettqu l-analiżi neċessarji. Il-biċċa l-kbira tal-laboratorji kienu akkreditati.

Filwaqt li s-sistemi kumplessivi kienu mfassla u ġestiti sew, xi nuqqasijiet importanti ġew identifikati b'rabta mal-kontroll:

- tas-siti ta' produzzjoni primarji, bħall-bastimenti tas-sajd u l-farms tal-ħut;
- tal-molluski bivalvi ħajjin, b'rabta mal-klassifikazzjoni taż-żoni tal-produzzjoni; mal-frekwenza tal-ittestjar fil-monitoraġġ għall-bijotossini; u mal-ittestjar tal-prodott aħħari.

Sejbiet simili ġew irrapportati fl-awditi mwettqa fl-2012. Qed jitħejja wkoll rapport ġenerali.

Kontrolli uffiċjali fuq it-tjur tal-irziezet

L-awditi tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri fuq il-laħam u l-prodotti tat-tjur tal-irziezet tkomplew fl-2012. Kif kien il-każ is-sena li għaddiet, il-livell kumplessiv ta' konformità kien ġeneralment tajjeb u ħafna aħjar mis-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma nġhadda il-"Pakkett dwar l-Iġjene". Il-katina sħiħa tal-produzzjoni tat-tjur tal-irziezet kienet koperta, għalkemm f'xi każijiet l-għadd ta' kontrolli fil-livell tal-irziezet kien limitat, u xi awditi riċenti identifikaw spezzjoni post-mortem inadegwata. L-oqsma ewlenin identifikati għat-titjib baqgħu daww marbuta mal-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi dwar l-iġjene, bħall-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni tal-karkassi u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet tal-HACCP fl-istabbilimenti; u man-nuqqas ta' notifikazzjoni lill-Kummissjoni dwar leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-flessibbiltà għal biċċeriji b'kapaċità ċkejna.

Kif kien il-każ tal-kontrolli tal-istabbilimenti tal-prodotti tal-ħalib u l-laħam, ġiet identifikata xejra b'rabta mal-infurzar, fejn minkejja li l-awtoritajiet fil-biċċa l-kbira jidentifikaw in-nuqqasijiet b'mod korrett, l-azzjoni ta' infurzar mhux dejjem seħħet f'waqtha.

Pjanijiet ta' kontroll tas-salmonella

L-awditi tal-pjanijiet nazzjonali għall-kontroll tas-Salmonella fis-settur tat-tjur tal-irziezet tkomplew fl-2011. Fl-Istati Membri kollha suġġetti għal żjarat, ġew introdotti pjanijiet ta' kontroll, imma f'xi każijiet l-implimentazzjoni ddewmet għal ċerti kategoriji. Minkejja dan, dawn il-pjanijiet jikkonċidu ma xejra sinifikanti 'l isfel li ġiet osservata fis-Salmonella fit-tjur tal-irziezet. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-pjanijiet għall-monitoraġġ u t-teħid tal-kampjuni uffiċjali għas-Salmonella f'kategoriji differenti ta' tjur tal-irziezet ma kinux kompatibbli bis-sħiħ mal-liġi tal-UE; id-defiċjenzi l-aktar kienu b'rabta ma' nuqqasijiet fit-teħid tal-kampjuni, azzjonijiet meħuda wara riżultati pożittivi tat-testijiet u l-laboratorji. Fl-aktar awditu riċenti fl-2012, ġew identifikati wkoll nuqqasijiet fis-sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti ċentrali tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali. Qed jitħejja rapport ġenerali.

Kontrolli tal-importazzjoni ta' ikel ta' orijini mhux mill-annimali

Rapport ġenerali huwa disponibbli dwar sensiela ta' 12-il awditu li twettqu bejn l-2010 u l-2011 biex jevalwaw l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali għall-kontrolli tal-importazzjonijiet ta' ikel ta' oriġini mhux mill-annimali.

Mind u daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 dwar il-livell miżjud tal-kontrolli uffiċjali għall-ġhalf u l-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, l-Istati Membri ħadu passi sodisfaċenti biex jimplimentawh. Il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni ċari bejn l-awtoritajiet kompetenti hija fis-seħħ fl-Istati Membri, u hemm persunal suffiċjenti disponibbli għall-kontrolli. Il-proċeduri dokumentati huma żviluppati sew, għalkemm mhux dejjem aġġornati sistematikament.

Madankollu, it-trasport aktar 'il hinn, kif definit skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009, u t-trasferiment tal-oġġetti, skont ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009, (li jista' jippermetti li kontrolli jsiru fil-punt finali tad-destinazzjoni tal-kunsinna, wara trasportazzjoni aktar 'il hinn mill-punt tal-wasla fl-UE) mhux dejjem iggarantew traċċabbiltà sħiħa, b'mod partikolari meta għadd ta' Stati Membri kienu involuti, u r-rekwiżit ta' notifika minn qabel ma kienx dejjem segwit. F'nofs l-Istati Membri, ir-rilaxx doganali mhux dejjem segwa sew il-proċeduri stabbiliti mir-regolamenti tal-UE. Dawn in-nuqqasijiet jafu jwasslu għas-sitwazzjoni fejn l-oġġetti jiġu rilaxxati mingħajr kontrolli finali. Filwaqt li s-sistemi kumplessivi tal-analiżi fil-laboratorji ttejjbu, spiss instabu nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' rekwiżiti analitiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Residwi ta' pestiċidi

Sensiela ta' awditi dwar il-kontrolli tal-pestiċidi ġiet iffinalizzata fl-2011. Huwa disponibbli rapport ġenerali ta' din is-sensiela. L-eżitu ta' din is-sensiela ta' awditi kien kumplessivament pożittiv. Sar progress konsiderevoli mindu twettqet l-aħħar sensiela ta' awditi fl-ippjanar, il-prestazzjoni u r-rapportar tal-kontrolli uffiċjali għar-residwi tal-pestiċidi. L-għadd ta' kampjuni mittieħda żdied. Il-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni segwa l-leġiżlazzjoni tal-UE u miżuri adegwari ta' infurzar kienu fis-seħħ fil-maġġoranza kbira tal-Istati Membri, biex b'hekk ġie żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Kienu fis-seħħ proċeduri effettivi għall-kontrolli tal-importazzjoni tar-residwi tal-pestiċidi. Saru rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jorganizzaw kontrolli aktar effiċjenti u b'mod aktar effettiv. Il-kontrolli għandhom ikunu mmirati lejn ir-riskji identifikati, b'qies tal-istorja tal-konformità tal-FBOs kif ukoll l-awtokontrolli mwettqa minnhom. L-għadd ta' laboratorji maħtura għandu jiġnaqqas biex l-analiżijiet isiru biss minn laboratorji b'taġħmir analitiku adegwat. Fl-2012, inbdiet sensiela ġdida li tkopri disa' Stati Membri, li tikkonċentra fuq il-kontrolli tal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Organiżmi Modifikati Ġenetikament (GMO)

Fl-2011, inbdiet sensiela ġdida ta' awditi, li tkopri l-kontrolli uffiċjali fuq l-Organiżmi Modifikati Ġenetikament (GMO). Minbarra l-ikel u l-ġhalf Modifikat Ġenetikament, din inkludiet, għall-ewwel darba, evalwazzjoni tal-kontrolli tar-rilaxx apposta tal-GMO fl-ambjent għall-provi u l-kultivazzjoni. Ġew awditjati erba' Stati Membri. Kien hemm fis-seħħ sistema għall-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-GMO għall-finijiet ta' provi u l-kontrolli uffiċjali saru b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE. Kien hemm xi varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri b'raba mal-kontrolli tal-kultivazzjoni tal-qamħirrum

Modifikat Ġenetikament MON 810. B'rabta mal-ikel u l-għalf Modifikat Ġenetikament, ma kien hemm l-ebda bidliet sinifikanti mindu saret is-sensiela ta' awditi preċedenti. It-tolleranza żero tal-preżenza tal-GMO f'żerriegħa mhix Ġenetikament Modifikata ma kinetx irrispettata f'żewġ Stati Membri. Il-laboratorji tal-GMO kellhom prestazzjoni adegwata fil-biċċa l-kbira tal-każijiet.

Is-saħħa tal-annimali

Sistemi ta' Identifikazzjoni Elettronika għar-ruminanti żgħar

Il-Kummissjoni lestiet sensiela ta' missjonijiet ta' sejbien tal-fatti f'erba' Stati Membri b'popolazzjonijiet sinifikanti ta' nagħaġ u mogħoż. L-għanijiet ta' din is-sensiela kienu li: tevalwa l-progress bl-implimentazzjoni ta' identifikazzjoni elettronika (EID) fin-nagħaġ u l-mogħoż; tevalwa l-effettività tal-miżuri tal-EID biex tiżgura traċċabbiltà xierqa tal-movimenti tan-nagħaġ u l-mogħoż; tidentifika fatturi li l-partijiet interessati joġġezzjonaw għalihom; u tidentifika fatturi li jippromwovu l-aċċettazzjoni tal-użu tal-EID. Rapport ġenerali tas-sensiela ġie prodott u huwa disponibbli.

Ir-rapport ġenerali jsemmi d-differenzi sinifikanti fl-implimentazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari, ir-relazzjoni mal-użu tal-identifikazzjoni elettronika għall-kontroll tal-mard u l-finijiet manigġerjali, li huma parzjalment ikkawżati mill-fatt li xi Stati Membri adottaw l-EID qabel oħrajn. Fir-rigward tal-iżgurar tal-identifikazzjoni permanenti, l-użu tal-boluses elettroniċi wera li huwa aktar affidabbli taħt kundizzjonijiet fl-għalqa mill-użu ta' msielet tal-widnejn, iżda jirrikjedi kompetenza speċifika u appoġġ tekniku, li ġie pprovdut f'xi wħud mill-Istati Membri kkonċernati. F'dawn l-Istati Membri, l-appoġġ finanzjarju lill-bdiewa biex jiġu koperti l-kosti addizzjonali assoċjati mal-EID ukoll wera li huwa fattur inkoraġġanti f'termini ta' adozzjoni.

Ir-rabbja

Programm ewlieni għall-qerda tar-rabbja fl-Istati Membri ċentrali u tal-lvant tal-Ewropa huwa kkofinanzjat mill-UE. Il-Kummissjoni wettqet għadd ta' awditi tal-programmi f'dawn il-pajjiżi. Dawn ikkonfermaw li qed isir progress sostanzjali mill-kampanji ta' vaċċinazzjoni tal-annimali selvaġġi u li dan wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-każijiet fost il-bnedmin u l-annimali domestiċi. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-implimentazzjoni tal-programmi ta' vaċċinazzjoni wriet nuqqasijiet, partikolarment b'rabta mat-tlestija f'waqtha tal-kampanji u d-dispersjoni u l-intervalli taż-żmien fl-użu tal-vaċċini fil-lixka.

Id-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF)

L-UE issa waslet biex tikkonferma l-qerda totali tas-CSF mit-territorju tagħha. Dan inkiseb permezz ta' żieda fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' biosikurezza u kampanji mtejbja ta' vaċċinazzjoni għall-ħnieżer selvaġġi fil-kuntest tal-programmi ta' qerda ffinanzjati mill-UE. L-awditi tal-Kummissjoni kkonfermaw li dawn il-miżuri ġew applikati b'mod effettiv fir-Rumanija u l-Bulgarija fejn tifqigħat sporadiċi tas-CSF fil-ħnieżer domestiċi seħħew fis-snin riċenti. Dawn il-programmi qed jitkomplew u kull ma jmur qed jiġu ffokati fuq il-verifikazzjoni tal-ħelsien mill-marda, aktar milli fuq il-qerda.

Ir-riskju kontinwu li l-marda terġa' tiddaħħal mill-pajjiżi ġirien, partiokolarment minħabba l-movimenti tal-ħnieżer selvaġġi, titlob iż-żamm ta' livelli qawwija ta' viġilanza u kooperazzjoni mtejba ma' dawn il-pajjiżi.

Kontrolli uffiċjali tal-laboratorji tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer (FMD)

Tlestiet sensiela ta' spezzjonijiet tal-laboratorji tal-UE li jeżaminaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer. Filwaqt li l-istandards ta' bijosikurezza applikati fil-biċċa l-kbira tal-laboratorji nstab li kienu ġeneralment sodisfaċenti, instabu xi nuqqasijiet minuri fi kważi kull laboratorju, filwaqt nstabu wkoll nuqqasijiet serji f'għadd ta' laboratorji. Ittieħdet azzjoni immedjata biex jiġu mitigati r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-annimali li jafu jirriżultaw mill-ħarba tal-vajrus ħaj tal-FMD.

Konklużjoni sinifikatni minn din is-sensiela ta' spezzjonijiet fil-laboratorji tal-FMD għandha biss tkun approvata f'dawk l-Istati Membri li huma f'pożizzjoni li jiggarantixxu t-tkomplija tal-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-UE, u b'mod partikolari, biex jiżguraw ir-riżorsi neċessarji għal dak il-għan. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed iqisu kif il-kontrolli tal-laboratorji tal-FMD għandhom jiġu organizzati fil-futur.

Il-benessri tal-annimali

Minbarra l-awditi dedikati speċifikament għall-kontroll tal-benesseri tal-annimali, l-awditi tal-Kummissjoni tal-kontrolli tal-iġjene fuq il-laħam aħmar u t-tjur tal-irziezet issa b'mod ta' rutina jevalwaw ukoll il-kontrolli tal-Istati Membri fuq il-benesseri tal-annimali fit-tbiċċir. Dan jipprovdri riżorsa addizzjonali importanti fil-promozzjoni ta' rispett aħjar tal-kontrolli tal-benesseri tal-annimali. Dawn l-awditi jeżaminaw b'mod partikolari l-faċilitajiet tal-biċċerija, bħall-istalel tal-kenn ta' qabel il-qatla u l-faċilitajiet ta' stordament, u t-trasport tal-annimali lejn il-biċċerija, b'rakkomandazzjonijiet xierqa għal titjib. Awditu minnhom kien fih sejbiet li minkejja li għadd sinifikanti ta' biċċeriji fl-Istati Membri kkonċernati wettqu t-tbiċċir mingħajr sturdament skont deroga marbuta mal-qtil skont drawwa reliġjuża, parti biss mil-laħam kien qed jinbiegħ bħala tali.

L-awditi tal-Kummissjoni dedikati speċifikament għall-kontrolli tal-benesseri tal-annimali, taw ħarsa lejn il-benesseri fl-irziezet u matul it-trasport. Dawn l-awditi ffurmaw parti mill-monitoraġġ tal-Istati Membri mwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni tal-projbizzjoni fuq l-użu ta' gaġeġ mhux arrikkiti għat-tiġieġ li jbidu, li kellu jsiru effettivi mill-1 ta' Jannar 2012, u rriżultaw fi proċeduri ta' ksur li nfetħu fis-27 ta' Jannar 2012 kontra 13-il Stat Membru. Bl-istess mod, l-awditi tal-Kummissjoni fuq l-Istati Membri pprovdew aġġornament fuq il-livell ta' preparazzjoni tagħhom għall-iskadenza tal-1 ta' Jannar 2013 għaż-żamma obbligatorja tal-ħnieżer nisa li jkunu tqal u mgħammra fi gruppi. Awditu wieħed twettaq speċifikament biex jikseb evidenza b'rabta mal-proċeduri ta' ksur miftuħa kontra Stat Membru wieħed dwar il-benesseri tal-annimali fit-tbiċċir.

Il-benesseri tat-tiġieġ tas-simna wkoll ġie inkluż fl-awditi riċenti. L-ispeċijiet tal-annimali li mhumix suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-UE, li iżda huma applikabbli għalihom bis-sħiħ skont il-liġi tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropea, ukoll qed jiġu inklużi fl-awditi dwar il-benesseri tal-annimali.

Fir-rigward tat-trasport, il-fokus issa qiegħed fuq l-għajnuna lill-Istati Membri sabiex jitgħallmu mill-aħjar prassi. L-awditi preċedenti kienu indikaw li l-proċess tal-approvazzjoni tal-vetturi ma kienx qed jiġi indirizzat b'mod adegwat f'għadd ta' Stati Membri, u l-awditi fl-2012 iffokaw fuq il-proċedura tal-approvazzjoni, filwaqt li identifikaw oqsma tal-aqwa prassi. Dawn inqas ma' Stati Membri oħra fil-laqgħat li jinsabu għaddejjin tal-punti ta' kuntatt nazzjonali li jsiru darbtejn fis-sena fi ħdan il-Kummissjoni. Laqgħa addizzjonali saret fil-port ta' Sète, fi Franza, mal-Istati Membri kollha responsabbli mill-approvazzjoni tal-bastimenti tal-baħar, peress li għadd ta' awtoritajiet kompetenti kienu indikaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għat-trasport tal-annimali bil-baħar.

L-esportazzjoni tal-annimali lejn it-Turkija, kummerċ li kulma jmur qed jikber, ġiet indirizzata wkoll fl-awditi tal-Kummissjoni. Twestaq awditu fil-punt tal-ħruġ tal-UE fil-Bulgarija u saru rakkomandazzjonijiet biex jitħaffu l-proċeduri sabiex kwalunkwe dewmien bla bżonn jiġi eliminat. Tul dan l-awditu, it-tim żar ukoll in-naħa Torka tal-fruntiera biex janalizza l-kontrolli tagħha.

Is-saħħa tal-pjanti

L-awditi tas-saħħa tal-pjanti fl-Istati Membri, li jevalwaw il-miżuri ta' kontroll fl-importazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza tal-UE fil-każ ta' tifqigħat ta' organiżmi perikolużi, urew differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri awditjati fl-organizzjoni tal-kontrolli tal-importazzjoni, u fl-effettività tagħhom fid-detezzjoni ta' organiżmi perikolużi fil-kunsinni preżentati għall-importazzjoni. Is-suċċess tal-isforzi ta' qerda varjaw bil-bosta bejn l-organiżmi perikolożi differenti, b'xi wħud ikunu aktar faċli li jiġu kkontrollati minn oħrajn. L-awditi wrew ukoll l-importanza tal-isforzi ta' qerda determinati hekk kif l-organiżmu jkun għadu kif instab, peress li meta jistabbilixxi ruħu jkun ferm aktar diffiċli jew anki impossibbli li jinqed.

Minkejja awditi regolari tal-Portugal mill-1999 'il hawn b'rabta mal-qerda tan-nematodu tal-injam tal-arżnu (PWN), is-sitwazzjoni baqgħet mhix sodisfaċenti, b'mod partikolari b'rabta mal-ittestjar u t-tneħħija miż-żona ta' lqugħ tas-siġar mhux b'saħħithom.

L-għalf tal-annimali

Fil-qasam tas-sikurezza tal-għalf, l-istampa ewlenija turi li l-livell ta' konformità tal-operaturi tul il-katina huwa varjabbli. Filwaqt li s-sitwazzjoni hija sodisfaċenti fil-produzzjoni primarja, hemm lok ċar ta' titjib fil-produzzjoni mhux primarja b'rabta ma': it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proċeduri msejsa fuq il-HACCP; il-miżuri fis-seħħ biex tiġi minimizzata il-krosskontaminazzjoni minn lottijiet ta' produzzjoni preċedenti; u l-monitoraġġ ta' sustanzi mhux mixtieqa. Il-kontrolli uffiċjali fuq l-għalf normalment ikopru l-operaturi ewlenin fil-katina tal-għalf, iżda ċerti tipi ta' stabbilimenti (notevolment l-istabbilimenti tal-ikel li jissupplixxu biss parti mill-produzzjoni tagħhom lill-katina tal-għalf) spiss għadhom 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kontrolli. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' spezzjonijiet u attivitajiet tat-teħid tal-kampjuni tintlaqat minn xi difetti fil-miri tagħha.

Fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni tal-għalf, l-awditi stabbillew livell sodisfaċenti ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti.

L-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE) u l-prodotti sekondarji mill-annimali (ABP)

L-awditu dwar dawn is-suġġetti issa saru ġeneralment ikunu kombinati peress li, appartni minn xi eċċezzjonijiet, il-BSE ma għadhiex prijorità ta' riskju għoli. L-awditu identifika li l-amministrazzjoni tal-ABP u prodotti derivati skont il-kategorija tagħhom kienu fil-biċċa l-kbira konformi mar-regoli tal-UE. Madankollu, fi ftit Stati Membri, l-ABP (inkluż materjal ta' riskju speċifikat) iġġenerat matul it-tbiċċir fl-irziezet fi rziezet mad-dar għadu qed jintrema fuq il-post; dan, flimkien man-nuqqasijiet fir-rimi ta' stokkijiet li jmutu li joriġinaw f'dawn l-irziezet mad-djar jolqot ukoll l-effettività tal-monitoraġġ tal-BSE f'dawn l-Istati Membri. Fl-impjanti tal-ipproċessar, il-livell ta' konformità kien ġeneralment sodisfaċenti, minkejja li kien hemm xi każijiet ta' nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-aderenza mar-rekwiżiti tal-ħin, it-temperatura u l-pressjoni tal-ipproċessar.

Kontrolli tal-importazzjoni ta' ikel ta' oriġini mill-annimali u ta' annimali

L-awditu f'dan il-qasam għadhom strument qawwi fl-"armerija" ta' difiżi mmirati sabiex l-importazzjoni tkun sikura. Il-kontrolli tal-importazzjoni qed jittejjbu bis-saħħa ta', fost oħrajn, kooperazzjoni aħjar mal-Awtoritajiet Doganali u taħriġ sinifikanti. Il-Kummissjoni nnutat nuqqasijiet f'xi Stati Membri fil-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u dawk devoluti, li mminaw, f'xi każijiet, l-effettività kumplessiva tal-kontrolli. Filwaqt li l-prenotifikazzjoni tal-kunsinni trasbordati qed tittejjeb f'xi Stati Membri, l-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti għadu f'jakk inkonnessjoni ma' dan ir-rekwiżit f'xi portijiet ewlenin.

Mir-rapport tas-sena l-oħra 'l hawn, il-livell ta' implimentazzjoni ta' TRACES, is-sistema kompjuterizzata komuni għall-importazzjoni, tjejb. Xi Stati Membri li qabel ma kinux jużawha issa ssieħbu fis-sistema TRACES. Il-verżjonijiet il-ġodda ta' TRACES jirrikjedu BIPs biex jadattaw u dan huwa proċess li jinsab għaddej.

Ir-residwi ta' mediċini veterinarji u kontaminanti

L-Istati Membri komplew iħabbtu wiċċhom ma' sfidi simili għal dawk identifikati fir-rapport annwali tas-sena l-oħra fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom ta' monitoraġġ tar-residwi, inluż: varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri fl-għadd ta' metodu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji għall-analiżi tar-residwi; u varjazzjonijiet fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti marbuta mal-Informazzjoni dwar il-Katina tal-Ikel fit-tbiċċir.

Fir-rigward tas-sessjoni li tinsab għaddejja bħalissa ta' awditu dwar id-dijossini li qed jevalwaw ħilet l-Istati Membri li jiżguraw li l-ħut maqbut fil-Baħar Baltiku u mqiegħed fis-suq għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali jikkonforma mal-limiti tal-UE għad-dijossini, l-evidenza miksuba s'issa tindika li hemm nuqqas ta' konsistenza fl-approċċ meħud mill-Istati Membri biex jiġi minimizzat l-esponiment tal-konsumatur għal ħut mhux konformi.

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni

Ir-rakkomandazzjonijiet kollha li joħorġu minn rapporti tal-Kummissjoni huma segwiti b'mod sistematiku, permezz ta' firxa ta' attivitajiet.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma mitluba jippreżentaw "pjan ta' azzjoni" li fih jiddeskrivu kif indirizzaw jew kif għandhom il-ħsieb li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tevalwa l-pjan ta' azzjoni u sistematikament tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet kollha permezz ta' għadd ta' attivitajiet ta' segwitu, li jinkludu: (a) awditi ġenerali ta' segwitu; (b) awditi fuq il-post bħala segwitu għal kwistjonijiet speċifiċi, jew talbiet għal rapporti bil-miktub dwar kwistjonijiet speċifiċi; u (c) laqgħat bilaterali ta' livell għoli f'każ ta' problemi ġenerali jew persistenti.

Awditi ta' segwitu ġenerali (GFA) isegwu kwistjonijiet pendenti u jivverifikaw il-progress f'dak li għandu x'jaqsam ma' rakkomandazzjonijiet preċedenti li jibqgħu miftuħa minn awditi settorjali FVO preċedenti lill-Istati Membri. Profili tal-pajjiżi li juru r-risultati ta' dawn l-awditi jistgħu jinstabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/food/fvo/country_profiles_en.cfm

B'rabta mal-progress fil-monitoraġġ li għamlu l-Istati Membri fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tal-FVO, l-eżitu tal-proċess tal-GFA matul il-perjodu 2005-2010 jindika li ttieħdet azzjoni mill-Istati Membri għal 97 % ta' rakkomandazzjonijiet biex ġew indirizzati r-rakkomandazzjonijiet, jew kienu pprovduti impenji sodisfaċenti biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet fi ħdan skeda ta' żmien. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet li għalihom għadu ma nkisibx impenn sodisfaċenti (3 %), huma segwiti b'mod attiv permezz ta' numru ta' mekkaniżmi, kif deskritt fit-taqsima 2.5. Filwaqt li żgħar fil-għadd dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma l-aktar diffiċli biex jissolvew u normalment jirriflettu fil-fond problemi sottostanti, inkluża l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

4. Għejun oħrajn ta' informazzjoni dwar il-kontrolli fl-Istati Membri

Rappurtar skont is-settur

Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar aspetti differenti tas-sigurtà tal-ikel, tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa tal-pjanti jeħtieġu lill-Istati Membri jippreżentaw rapport regolari dwar ċerti rekwiżiti speċifiċi. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti nazzjonali, il-Kummissjoni min-naħa tagħha tipproduċi għadd ta' rapporti settorjali, li jipprovdu rendikont tal-istat ta' implimentazzjoni ta' ċerti aspetti tal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli għall-katina alimentari, inkluż f'ċerti każijiet dejta speċifika dwar kontrolli uffiċjali u dwar ir-risultati tagħhom fl-oqsma kkonċernati.

Fost l-iktar rapporti rilevanti ta' dan it-tip, insibu r-rapporti dwar: il-monitoraġġ u l-ittestjar tal-annimali li jixtaru għall-preżenza tal-Enċefalopatija Sponġiformi Trasmissibbli (TSE); it-tendenzi u l-għejun ta' żoonożi; aġenti zoonotiċi u tixrid ta' mard li jinġarr fl-ikel fl-Unjoni Ewropea (mandat mogħti lill-EFSA); mard li jista' jiġi notifikat tal-annimali bovini u tal-majjali (fil-kuntest tal-kummerċ intern tal-UE); rapport annwali ta' monitoraġġ tar-residwi ta' pestiċidi fl-UE kollha; u rapporti dwar il-laqgħat tat-task force għall-eliminazzjoni tal-mard tal-annimali; L-informazzjoni f'dawn ir-rapporti hija

fattur importanti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar fejn jistgħu jiġu pprijoritizzati r-riżorsi tal-awditu.

Fl-Anness ta' dan ir-Rapport hemm tabella li telenka r-rapporti prinċipali tal-Kummissjoni ppubblikati fis-sena ta' qabel u l-websajts tagħhom.

Sistemi ta' twissija rapida u għodod oħrajn għar-rappurtar

Is-sistemi ta' twissija rapida eżistenti għas-sigurtà tal-ikel u tal-ġhalf (RASFF), għal tifqigħat ta' mard tal-annimali (ADNS) u tifqigħat ta' mard tal-pjanti (Europhyt) jirrappreżentaw għodod sinifikanti għall-ġestjoni ta' reazzjoni rapida f'każ ta' emerġenzi u ta' riskji emerġenti u huma għajn ta' informazzjoni dwar it-tendenzi tal-pesti u l-mard. Id-dejta li jipprovdu tista' tkun ukoll indikatur importanti ta' nuqqasijiet b'rabta mal-konformità ma' standards ta' sikurezza stabbiliti u din id-dejta hija konsegwentement riveduta mill-qrib fl-evalwazzjoni tal-kontrolli. Ir-riżultati dettaljati li ħarġu minn dawn is-sistemi ta' twissija dwar is-sigurtà tal-ikel u l-mard tal-annimali jinsabu mqassra fir-rapporti annwali dwar l-RASFF u l-ADNS li huma ppubblikati fil-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/food/rapidalert/index_en.htm

http://ec.europa.eu/food/animal/diseases/adns/index_en.htm .

Fil-każ tal-Europhyt, l-istrument ta' notifika għal interċessjonijiet ta' kunsinni għal raġunijiet ta' saħħa tal-pjanti, il-Kummissjoni varat websajt b'rapporti ta' kull xahar dwar l-interċessjonijiet⁶. Huwa ppjanat li jiġi ppubblikat rapport Annwali tal-Europhyt fl-2013.

TRACES, is-sistema li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar kontrolli mwettqa fuq l-annimali u l-prodotti mill-annimali (fuq prodotti domestiċi u daww importati minn pajjiżi terzi) hija għajn importanti oħra ta' dejta, mhux biss dwar il-volum ta' movimenti ta' prodotti tal-konsum koperti, iżda wkoll dwar il-kontrolli veterinarji uffiċjali mwettqa:

http://ec.europa.eu/food/animal/diseases/traces/index_en.htm.

5. Ir-riżultati tal-monitoraġġ uffiċjali

Is-*Salmonella* u l-*Campylobacter* huma ż-żewġ kawżi prinċipali fl-UE tal-mard li jiġi trażmess mill-ikel. L-analiżi tar-rapporti dwar iż-żoonożi ta' kull Stat Membru mill-EFSA u l-ECDC⁷ tikkonferma li fl-Unjoni Ewropea qed tonqos it-tendenza li jkun hemm każijiet ta' salmonellosi fil-bniedem. B'kollox 99,020 każ ikkonfermat fil-bniedem ġew rrappurtati fl-2010 (dejta ppubblikata fl-2012), tnaqqis ta' 8.8 % b'paragun mal-2009, u parti minn tendenza li kompliet għas-sitt sena konsekuttiva. Ir-rapport tal-EFSA jindika li l-applikazzjoni tal-programmi ta' kontroll tas-*Salmonella* fil-popolazzjoni tat-tjur tal-

⁶ http://ec.europa.eu/food/plant/europhyt/interceptions_en.htm

⁷ Rapport Xjentifiku tal-EFSA u l-ECDC: Ir-Rapport ta' Sinteti tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tendenzi u l-Għejun taż-Żoonożi, l-Aġenti Żoonotiċi u t-Tifqigħat ta' Mard li Jinġarr fl-Ikel fl-2010
<http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/2597.pdf>

irziezet fl-Istati Membri hija r-raġuni għal dan it-tnaqqis. L-awditi tas-settur tal-laħam tat-tjur tal-irziezet fl-Istati Membri jissostanzjaw din l-opinjoni.

6. Segwitu u infurzar mill-Kummissjoni

L-attenzjoni sostnuta għal u l-koordinazzjoni kontinwi tal-azzjonijiet ta' infurzar tibqa' prijorità fl-oqsma kollha koperti minn dan ir-rapport.

Jintużaw sforzi sinifikanti biex jeliminaw, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, l-ostakoli għall-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-UE. L-approċċ adottat f'kull każ iqis is-serjetà ta' dan in-nuqqas, ir-riskji involuti, l-azzjoni diġà meħuda mill-Istat Membru, u jekk Stati Membri oħra humiex ukoll ikkonċernati. Il-kawżi sottostanti tan-nuqqasijiet imsemmija jiġu eżaminati sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet bil-għan li jiġu evitati r-ripetizzjonijiet.

Għalhekk, pereżempju, il-Kummissjoni ġiet involuta fi djalogu intens ma' xi Stati Membri bil-għan li jiġu indirizzati nuqqasijiet persistenti u kwistjonijiet ta' infurzar pendenti bilaterali regolari, inkluż permezz ta' laqgħat ta' livell għoli.

Stat Membru minnhom huwa l-Greċja. L-awtoritajiet Griegi pprovdew pjan ta' azzjoni dettaljat, inklużi miri ċari, li bħalissa qed jużawh biex jissorveljaw il-progress lejn titjib fil-konformità.

Il-Kummissjoni fasslet ukoll azzjonijiet ta' taħriġ iddisinjati b'mod speċifiku fi ħdan il-programm Taħriġ Aħjar għal Ikel Aktar Sikur (BTSF) f'każijiet fejn it-taħriġ jista' jgħin il-konformità. Fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija, attivitajiet speċifiċi ta' taħriġ ġew organizzati biex jiggwidaw lill-awtoritajiet ħalli jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-immaniġġjar u r-rimi tal-prodotti sekondarji mill-annimali.

Meta jkun meħtieġ u xieraq, jinbdew il-proċedimenti ta' ksur.

Għajn importanti oħra ta' informazzjoni inkonnessjoni man-nuqqas ta' konformità jew mal-problemi ta' infurzar hija l-ilmenti minn membri tal-pubbliku jew minn NGOs, u l-Kummissjoni tkun dejjem attenta biex tiżgura li dawn l-ilmenti jiġu segwiti mill-Istati Membri kkonċernati, bil-għan li jinkiseb riżultat pożittiv. Jekk il-liġijiet ma jiġux applikati b'mod xieraq, hemm riskju li l-oġettivi tal-politika Ewropea fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel mhux se jintlaħqu. L-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-UE jinvolvu kemm l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet u l-qrati lokali u reġjonali. L-Istati Membri huma primarjament responsabbli mill-applikazzjoni korretta u fil-ħin tat-Trattati u l-leġislazzjoni ta' l-UE. Il-Kummissjoni tvara proċeduri ta' ksur bħala l-aħħar alternattiva biex tinkiseb il-konformità meta jkun evidenti illi hemm xejra sistematika u persistenti ta' applikazzjoni mhix adegwata tal-liġi tal-UE.

Il-Kummissjoni tista' tiftaħ proċedimenti ta' ksur, fejn Stat Membru jintalab jirringa n-nuqqas ta' traspożizzjoni, jew it-traspożizzjoni ħażina jew l-applikazzjoni inkorretta tal-liġi. Il-Kummissjoni tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u hemmhekk titlob dikjarazzjoni ta' ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istat Membru. Sabiex jiġu applikati sanzjonijiet finanzjarji hija tista' tibqa' tirrikorri għall-Qorti sakemm l-ewwel

sentenza tal-Qorti tiġi rrispettata.

Il-proċess ta' ksur għandu rwol essenzjali sabiex jiggarantixxi l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-UE, filwaqt li jwassal benefiċċji liċ-ċittadini. Il-Kummissjoni wriet li dan ir-rwol tiegħu bis-serjetà, permezz tal-pakkett ta' ksur varat fl-2012 b'rabta mal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-ħarsien tat-tiġieġ li jbid u s-sinjali ċari ta' approċċ simili lejn il-protezzjoni tal-ħnieżer.

F'termini ta' għodod oħra, il-Proġett Pilota tal-Kummissjoni tal-UE għandu l-għan li jipprovdi tveġibiet kompluti u malajr għal mistoqsijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-liġijiet tal-UE. Dan jintuża biex tiżdied il-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u biex jikkontribwixxi għar-risoluzzjoni ta' problemi fl-infurzar, mingħajr il-bżonn li jirrikorri għal proċeduri ta' ksur formali.

Hemm iktar tagħrif dwar il-ksur tar-regoli disponibbli fir-rapporti annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/eu_law/infringements/infringements_annual_report_en.htm

7. Il-Kummerċ internazzjonali

Il-Kummissjoni tipparteċipa b'mod attiv f'entitajiet li jiffissaw l-istandards internazzjonali li joperaw fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel, u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti. Hemm ukoll ħafna kuntatti estensivi ma' pajjiżi li mhumex fl-UE fejn jintalbu u jingħataw garanziji f'dak li għandu x'jaqşam mas-sikurezza tal-kummerċ fl-ikel. Dan imbagħad jinvolvi diskussjoni estensiva dwar l-effikaċja tal-kontrolli fis-seħħ li jimmiraw li jiżguraw li l-kummerċ isir fuq bażi sikura. It-tagħlimiet f'dan il-proċess jgħaddu għall-ġestjoni tas-sistemi ta' kontroll li jinsabu fis-seħħ f'dawn l-Istati Membri.

8. Konklużjonijiet

Ġeneralment, l-Istati Membri jiggarantixxu livell tajjeb ta' implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali tul il-katina alimentari kollha, u juru rispett lejn il-kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà tal-ikel, mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali u mal-benessri tal-annimali. Filwaqt li għad hemm lok għal titjib, sar progress kbir fl-użu effiċjenti tal-istrumenti u tar-riżorsi tal-kontroll u fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-kontrolli fis-setturi kollha.

Il-kontrolli uffiċjali, flimkien mal-istrumenti leġislattivi li jgħinuhom biex jilhqgħu l-aħjar livell ta' effikaċja, huma fatturi ewlenin fil-katina alimentari tal-UE. Huma jippermettu li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli skont ir-riskju li jkun hemm u li jidentifikaw in-nuqqasijiet u jindirizzawhom f'waqthom. Jipprovdu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti b'ħarsa ġenerali sinifikattiva lejn is-sitwazzjonijiet tas-sigurtà tal-ikel u tas-saħħa.

Ir-rapporti tal-Istati Membri jipprovdu serħan il-moħħ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu r-rwol tagħhom b'serjetà, bil-kontrolli kulma jmur isiru aktar ibbażati fuq ir-riskji, kif ġie kkonfermat mir-rapport dwar awditi mwettqa minn esperti tal-Kummissjoni. Qed jiġu introdotti strumenti ġodda sabiex itejbu s-superviżjoni u l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-kontroll.

L-awditi li l-Kummissjoni tagħmel fuq il-post, kif ukoll is-segwitu li jkopri s-setturi kollha li twettaq wara l-awditi u li jiffoka fuq il-kawżi sottostanti ta' nuqqas ta' konformità, huma ta' importanza partikolari fl-identifikazzjoni tal-punti dgħajfa li jkunu jeħtieġu jiġu indirizzati u biex jiġi żgurat li jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi. Il-Kummissjoni topera sistema, riveduta fuq bażi kontinwa b'miri u indikaturi, li kwantitattivament jirrevedu l-progress li jkun sar mill-Istati Membri fit-teħid ta' azzjoni korrettiva.

Dawn ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-awditi, minbarra li jikkumplimentaw l-attivitajiet ta' kontroll u r-rapporti tal-Istati Membri, jipprovdu sistema b'saħħitha biex tiġi vvalutata l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri.

Din is-sistema tkun tippermetti lill-Kummissjoni, kulfejn meħtieġ, biex tieħu miżuri adegwati biex tikseb titjib f'kontrolli uffiċjali u sistemi ta' verifika fl-Istati Membri.

ANNESS

LISTA TA' RAPPORTI SETTORJALI TAL-KUMMISSJONI PPUBBLIKATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE DWAR

IS-SIGURTÀ TAL-IKEL, IS-SAĦĦA TAL-ANIMALI, IL-BENESSRI TAL-ANIMALI U S-SAĦĦA TAL-PJANTI

Rapport	Bażi Legali	Pubblikazzjoni
<i>Rapport annwali dwar il-monitoraġġ u l-ittestjar tal-animali li jixtaru għall-preżenza tal-Enċefalopatija Sponġiformi (TSE) fl-UE</i>	L-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered	http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/tse_bse/monitoring_annual_reports_en.htm
<i>Ir-Rapport ta' Sinteżi tal-UE dwar it-tendenzi u l-għejun taż-żoonożi, l-aġenti żoonotiċi u t-tifqigħ ta' mard li jinġarr fl-ikel fl-Unjoni Ewropea</i>	L-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE (Mandat mogħti lill-EFSA, elaborat mill-EFSA b'kooperazzjoni mal- ECDC)	http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/2090.pdf

<i>Ir-rapport annwali dwar is-Sistemi ta' Twissija Rapida għas-Sigurtà tal-Ikel u tal-Għalf (RASFF)</i>	L-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel	http://ec.europa.eu/food/food/rapidalert/rasff_publications_en.htm
--	--	---

Rapport	Bażi Legali	Pubblikazzjoni
<i>Rapport Annwali ta' Monitoraġġ tar-Residwi ta' Pestiċidi madwar l-UE kollha</i>	L-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE	http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/2430.pdf
<i>Rapport annwali dwar l-irradjazzjoni tal-ikel</i>	L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza	http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/irradiation/index_en.htm
<i>Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni ta' Pjanijiet Nazżjonali għall-Istati Membri Monitoraġġ tar-Residwi fl-Istati Membri</i>	L-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali haġġin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE	http://ec.europa.eu/food/food/chemicalsafety/residues/control_en.htm
<i>Rapporti tal-laqgħat tas-sottogruppi ta' esperti (Bruċellożi bovina, bruċellożi fin-nagħaġ u l-mogħoż, tuberkulożi bovina u rabja) tat-Task Force TF) għall-monitoraġġ tal-eliminazzjoni (tal-mard fl-Istati Membri.</i>	It-Task Force nħolqot fis-sena 2000 bħala azzjoni prevista fil-White Paper tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà tal-Ikel.	http://ec.europa.eu/food/animal/diseases/eradication/taskforce_en.htm

<i>Benessri tal-annimali: Regolament dwar it- trasport</i>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97	http://ec.europa.eu/food/animal/welfare/transport/inspections_reports_reg_1_2005_en.htm
---	--	---